MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1085/2006

**Talba Nru: 1085/06VGD**

Willian Spiteri Bailey (Id. 20467M) ghan-nom
u in rapprezentanza tad-ditta Spiteri Bailey & Co.

Vs

Namaste Limited (C30947)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur nomine talab il-hlas tas-somma ta' tmien mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm826.00c) rapprezentanti hlas dovut ghal servizz professjonali ta' audit provdut lis-socjeta' konvenuta, li ghalkemm giet interpellata diversi drabi ghall-hlas,

baqghet inadempjenti, bl-imghax mid-data ta’ l-invoice sad-data tal-effettiv hlas u bl-ispejjes kollha inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-10 ta’ Mejju 2006, kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur nomine u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ tmien mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm826.00c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez kollha kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------